BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2011 fis-2.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 10/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. T.Roberts ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/12-* Tressqet talba mill-Perit Hector Zammit għan-nom ta' Gor-oul Services sabiex mill-1 ta' Ġunju 2012 sal-15 ta' Settembru 2012 tintrama Dodgem Luna Park (bumping cars) fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Wara diskussjoni l-Kamra aċċettat din it-talba bil-kundizzjoni li jekk fil-perijodu msemmi jinħareġ il-permess mill-MEPA, PA 07849/06, id-Dodgem Luna Park (Bumping Cars) ikollha tiżżarma sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda x-xogħol tiegħu f'dan il-parkeġġ.

*02/12 -* Il-Kunsill ġie infurmat li l-ELC ser tqassam b'xejn lill-Kunsilli Lokali li għandha kuntratt magħhom 250 qasrija għal ħabta ta' Marzu/April. Il-Kunsilli jkollhom l-obbligu li jqassmu dawn il-qsari lir-residenti sabiex jitpoġġew fi twieqi jew gallariji li jagħtu għat-triq u jservu biex isebbħu l-ambjent ta' madwarna. Wara diskussjoni l-Kamra faħħret u laqgħet din l-inizjattiva. Il-proċess sabiex jitqassmu dawn il-qsari ser isir kif ġej : L-ewwel tinħareġ sejħa ta' interess lir-residenti u wara d-data tal-għeluq, l-applikazzjonijiet jiġu aġġudikati.

*03/12 -* Resident ressaq suġġeriment lill-Kunsill Lokali fir-rigward tad-Dar ta' Pultu li tinsab f'Wied Żembaq. Dan ir-resident qed jissuġġerixxi li jsiru diskussjonijiet mal-Ministeru kkonċernat sabiex bħalma ser jiġu restawrati tlett irziezet antiki fil-lokal tal-Buskett, din id-Dar antika tiġi restawrata wkoll. Il-Kamra qablet li din id-Dar għandha wirt storiku kbir pero' minn informazzjoni li għandu l-Kunsill din id-Dar hi f'idejn il-privat u għaldaqstant il-Kunsill ma jkunx jista' jidħol għall-proġett simili. Pero' sabiex il-Kunsill ikun fi żgur għandha tintalab aktar informazzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet u skont l-informazzjoni l-Kunsill jipproċedi.

*04/12* - L-ECAD qed torganizza s-*seminar* li jmiss lill-membri tagħha nhar id-19 ta' Jannar 2012 fi Stockholm. Għaldaqstant bħala membri f'din l-għaqda, il-Kunsill Lokali ġie mistieden jattendi għal dan is-*seminar*. Minħabba l-finanzi limitati li għandu l-Kunsill u fid-dawl ta' dan is-*seminar* m'huwiex iffinanzjat minn entita' iżda a spejjeż tal-Kunsill Lokali, il-Kamra unanimament qablet li ma tattendix għal dan is-*seminar*.

*05/12* - Il-Kunsill Lokali irċieva diversi suġġerimenti sabiex f'Dawret il-Qalb Imqaddsa l-parti ta' faċċata ta' Triq Santa Katarina (fil-kisra u ħdejn il-*gates* tal-Enemalta isiru marki ta' karreġġjata f'nofs it-triq sabiex in-nies jindunaw li t-triq hi *two-way* u jiġi evitat periklu bla bżonn. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li qabel isir xi ħaġa għandu jintalab appuntament fuq il-post ma' rappreżentant ta' Transport Malta sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir bl-inqas impatt possibbli.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet.

- *Kwotazzjoni Nru. 09/11 – Provista ta' żebgħa tat-toroq*

| Nru. | Kuntrattur | Enamel bajda | Enamel safra | oħrajn | oħrajn | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Ricky Caruana | €75.00 | €89.00 | | | Sigma |
| 2 | Hempel Malta Ltd. | €121.00 | €121.00 | | | Hempel |
| 3 | Joseph Mangion | €121.50 | €121.50 | | | Hempel |
| 4 | Charlie Camilleri | €118.50 | €118.50 | | | Hempel |
| 5 | Wurth Ltd. | €90.00 | €98.00 | €56.40 | €61.40 | Viapent |
| 6 | B.Grima & Sons | €55.00 | €55.00 | | | Faplisa/ Nuova Maric |

Wara li l-Kamra evalwat l-offerti T.Roberts li hu nkarigat mix-xogħlijiet stqarr li d-ditta li qiegħed juża l-Kunsill fil-preżent (Faplisa) qegħda tiswa ħafna flus lill-Kunsill minħabba li meta tinfetaħ landa ż-żebgħa qegħda tagħqad f'qasir żmien bil-konsegwenza li l-ħaddiema qed ikollhom jużaw ammont kbir ta' żebgħa għal *area* żgħira. Is-Sindku kkonferma dan u għaldaqstant il-Kamra qablet li din id-ditta m'għandiex tintgħażel. Ukoll minħabba li Kuntrattur Nru. 1 ma pprovdix *samples*, dan ġie eliminat skont il-kundizzjonijiet tal-kwotazzjoni. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għandha tipprova d-ditti ta' kuntratturi 4 u 5 u tara liema hi l-aħjar ditta għall-orħos prezz.

- *Kwotazzjoni Nru. 10/11 – Provista ta' Żebgħa*

| Nru. | Kuntrattur | Gloss Enamel 1 Ltr | Gloss Enamel 2.5Ltr | Gloss Enamel 5 Ltr | Smooth Ext. Paint White | Smooth Ext. Paint Coloured | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Charlie Camilleri | €5.70 | €13.36 | €25.37 | €43.00 | €69.00 / €77.80 | Hempel/Bartoline |
| 2 | Joseph Mangion | €5.88 | €13.80 | €25.98 | €47.30 | €84.00 | Hempel/Bartoline |
| 3 | Hempel Malta Ltd. | €5.81 | €13.65 | €25.92 | €65.42 | €65.42 + extra charge for dark quality | Hempel |
| 4 | Ricky Caruana | €6.90 | €15.50 | €30.00 | €69.00 | €88.00 | Hempel |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 għal Gloss Enamel 1Ltr; Gloss Enamel 2.5Ltr u Gloss Enamel 5Ltr filwaqt li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2 għal Smooth Exterior Paint White u Smooth Exterior Paint Coloured. Għalkemm Hempel Malta Ltd. kien l-orħos għal lis-Smooth Exterior Paint Coloured pero' il-Kuntrattur jiċċarġja prezz addizzjonali fuq kull land żebgħa ordnata għal kuluri skuri. Ukoll *free deliveries* isiru kull nhar ta' Tnejn għall-*area* ta' Birżebbuġa jew ġranet oħra bil-kundizzjoni li l-Kunsill jordna mhux inqas minn 100 litru żebgħa. Għaldaqstant il-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 2 għas-Smooth Exterior Paint Coloured minħabba li Kuntrattur Nru. 1 li kien it-

tieni l-orħos irtira l-offerta tiegħu fuq Smooth Exterior Paint White u Smooth Exterior Paint Coloured u li Kuntrattur Nru. 2 ma jorbotx lill-Kunsill bil-kundizzjonijiet ta' Kuntrattur Nru. 3.

- *Kwotazzjoni Nru.11/11 – Printing ta' magazine*

| Nru. | Kuntrattur | OPTION A 36 Pagna | OPTION B 28 pagna | 200gsm | 200gsm |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adverteyes Ltd. | €3289.25 | €3039.98 | | |
| 2 | Bonnici Press | €1760.00 | €1440.00 | €1700.00 | €1380.00 |
| 3 | Stefan Gauci – Vistapak | €2550.00 | €2250.00 | | |
| 4 | Gutenberg | €2031.75 | €1926.75 | | |
| 5 | Veritas Press | €2766.75 | €2278.50 | | |
| 6 | Hormes Enterprise | €3100.00 | €2200.00 | | |
| 7 | Union Print | €2278.50 | €1963.50 | | |
| 8 | Limelight | €5600.00 | €4900.00 | | |
| 9 | Inserv Ltd. | €2850.00 | €2150.00 | | |

Wara diskussjoni l-Kamra għażlet lill-Kuntrattur Nru. 2 Option 'A' minħabba li kien l-orħos wieħed.

***AĠENDA -4***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €59470.73 titħallas skond Skeda Nru. 12/11.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

- is-siti għal proġett marenostrum ġew magħżula min-naħa tal-amministraturi tal-proġett dawn huma :

  - il-Kappella ta' San Ġorġ
  - il-Kappella ta' San Ġużepp
  - il-Kappella ta' l-Għajnuna ta' l-Insara
  - ex-Batterija Ferretti

- il-Kunsill Lokali għamel protest ġudizzjarju lil Transport Malta u lill-Ministru l-Onor. Austin Gatt minħabba l-ħruġ ta' offerta fir-rigward ta' pjan ta' azzjoni għall-*area* ta' Bengħisa mingħajr ma kkonsultaw mal-Kunsill Lokali kif tistipulixxi l-liġi.

- il-laqgħa annwali ser issir it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 fis-6.00pm.

- ħadd mill-Għaqdiet Lokali ma wera nteress li joffri s-servizz tiegħu bi ħlas għat-tqassim ta' karti bieb, bieb.

- il-*fun run* li kellha ssir b'risq il-Community Chest Fund tħassret minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

- il-Kunsill Lokali ingħata l-fondi taħt l-iskema Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012, sabiex tittella' l-attivita' 'Inġeddu Tfulitna' fl-2012.

- il-Kunsill Lokali ingħata l-fondi taħt skema Memo 7/2010 – Skema dwar aċċessibilta' aħjar fil-lokalitajiet, sabiex issir bandla għat-tfal bi bżonnijiet speċjali fi Ġnien Profs. Anton Tabone.

2. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li fi Triq it-Tankijiet kantuniera ma' Triq Żarenu Dalli m'hemmx tabella ta' 'No Left Turn'.

3. Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rendikont ta' 'Jum Birżebbuġa'. Il-Kamra approvat spejjeż ta' €2401.08.

4. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kamra dokument tal-MSA fir-rigward ta' *playing-fields* li ġie mgħoddi lilu minn applikant li jixtieq jagħlaq l-aċċess tal-prominad li hemm faċċata ta' Triq iż-Żibra, talba li ġiet diskussa f'Seduta Nru. 08/11 fl-20 ta' Settembru 2011, fejn il-Kamra unanimament ma laqgħetx din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li d-deċiżjoni meħuda ma tistax titħassar qabel sitt xhur. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li din it-talba flimkien mad-dokumenti meħtieġa għandha terġa' tersaq quddiem il-Kunsill għal diskussjoni fiż-żmien stipulat mill-liġi.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li wasal iż-żmien għar-reviżjoni tal-pagi tal-iskrivani *full-time* assenjati mal-Kunsill. Minħabba li skrivana minnhom tinsab fl-ogħla skala permissibbli l-Kamra qablet unanimament li l-paga ta' din l-iskrivana tiġi diskussa s-sena d-dieħla filwaqt li l-iskrivana li tinsab fi Skala 13 għandha titla' għal Skala 11 Notch 3.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-4.00pm. Seduta oħra ser issir nhar, il-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm. .

.

| ......................................... | ............................................... |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |